# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-8 ta' Frar 2021

**Rik. Gur. Nru.: 3/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**TA**

**Vs**

**PM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' TA datat 4 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li kellha mal-konvenut twieldet VM u dan skond ic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A'*

2. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet.*

3. *Illi minkejja t-tentattivi ta' l-esponenti sabiex jintlahaq ftehim dwar l-istess proceduri ta' medjazzjoni, il-konvenut ma attendiex ghal proceduri ta' medjazzjoni, u fil-fatt il-medjazzjoni kellha tinghalaq.*

4. *Illi l-intimat huwa persuna ta' natura vjolenti, u m'ghandux ghal qalbu l-ahjar interssi ta' bintu. L-intimat ukoll għandu storja ta' vjolenza lejn l-omm.*

5. *Illi attwalment bint il-kontendentendi tinsab fil-kura u kustodja de facto ta' l-intimat, u r-rikorrenti tezercita access ghal bintha.*

6. *Illi din il-Qorti Onorabbli ħarġet digriet fis-16 ta ' Lulju tas-sena 2018 fejn ordnat li l-minuri tirrisjedi mal-missier filwaqt li l-omm ikollha l-aċċess darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appogg.*

7. *Illi f' kwalunkwe każ anke jekk il-Qorti tqis illi m'għandhiex bżonn tibdel id-deċiżjoni tagħha dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, il-kundizzjonijiet imposti fuq l-attriċi rigward l-aċċess għall-imsemmi minuri huma punitivi għall-attriċi, u wisq aghar u ta ugieh ta qalb ghal l-istess tifla minuri illi giet bhala htiega ta xejn mwarrba u ma imcahda mill-imħabba u l-ghozza ta 'ommha u mgeghla tgawdi lil ommha biss fil-ambjent impersonali, kiesaħ u mhux naturali tal-kmamar ta 'l-Agenzija Appogg.*

8. *Illi Aġenzija Appogg ħarġet rapport li jindika r-relazzjoni bejn l-omm u t-tarbija fejn jindikaw lil-minuri tkun kuntenta fil-prezenza t'ommha, tant li "ma jkun[x] hemm bzonn interventi mill-haddiema prezenti." (Dokument anness u mmarkat Dok C).*

9. *Illi filwaqt li l-wild ila tirrisjedi mal-missier, l-omm innotat, waqt il-hin restritt taghha tal-access, f'numru ta 'okkażjonijiet li l-wiċċ tat- tifla huwa kopert b'qatgħat u grif.( Dokument anness u mmarkat Dok D).*

10. *Illi skont ir-rapport t'Agenzija Appogg l-omm tinsab imhassba dwar is-sahha tal-minuri ghaliex saret tkun ta' spiss ma tiflahx u ghaldaqstant hija ikoncernata li bintha m'hijiex tircivi il-kura u trattament li ghandha bzonn u ghalhekk tixtieq li jibda jsir xi tip ta' monitoring fuq il-minuri.*

11. *Illi jehtieg illi jigu regolati l-kura u kustodja, access u manteniment ghall-minuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti togobghha:*

1. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri VM f'idejn l-attrici, b'access ghall-konvenut skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq fic-cirkostanzi.*

2. *Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri VM skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti.*

3. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha huma fl-ahjar interess tal-minuri.*

4. *Fil-każ li din l-Onorabbli Qorti taċċetta t-talba ta 'l-attriċi għall-kura u l-kustodja ta' l-imsemmi minuri, għandha tistabbilixxi u tirregola llum permezz ta 'digriet il-perjodu ta' żmien li fih il-minuri tqatta 'ħin ma' l-omm minghajr, intervent superviżjoni jew kontroll ta 'partijiet terzi.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rar ir-risposta ta' PM datata 8 ta' Frar 2019, fol 16A et seqq, li taqra hekk:

1. *Illi l-ewwel talba rikorrenti sabiex il-kura u kustodja tal-minuri VM tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti hija* ***assolutament opposta*** *peress li (a) r-rikorrenti u omm il-minuri VM hija ghal kollox inkapaci u inkompetenti bl-aktar mod estrem milli tezercita kwalunkwe tip ta' sembjanza ta' responsabbilta' materna; (2) m'ghandhiex indirizz fiss (l-indirizz moghti ghan-notifika huwa ta' missierha; u (3)* ***ma kienetx kapaci izzomm il-kura u kustodja tal-anqas wiehed jew wahda mill-hamest itfal l-ohra li ghandha ma rgiel differenti.*** *Ghalhekk kif qed jigi mitlub mil-intimat rikonvenzjonat, il-kura u kustodja ta' VM ma tistax ma tigix fdata unikament u kompletament lil missierha l-intimat, dana kollu ser jigi ampjament ipprvuat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

2. *Illi subordinatament it-tieni talba rikorrenti sabiex jithallas manteniment lilha ukoll assolutament ma tistax tigi milqugha madanakollu l-intimat qieghed jiddikjara illi f'kaz li huwa jinghata l-kura u kustodja essklussiva tal-minuri VM kif qieghed jigi mitlub fil-kontro-talba tieghu, huwa m'ghandux interess li*

*jitlob l-ebda manteniment jew ghajnuna prekunarja ohra minghand ir-rikorrenti;*

3. *Illi dwar it-tielet u r-raba talba, l-intimat m'ghandux oggezzjoni illi taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg (skont kif tigi iggwidata minn dina l-Onorabbli Qorti) illi jonqos il-kontroll strett u supervizjoni tal-Agenzija, dejjem jekk hekk jidrilha xieraq u opportun, madanakollu b'mod sistematiku u regolat sabiex jigi accertat illi l-omm ma tkunx qeghdha tesponi lill-minuri VM ghal persuni u sitwazzjoni xejn xierqa (per ezempju l-Marsa taz-zwiemel) u iktar u iktar ma thallix lill-istess VM ma terzi persuni mhux membri tal-familjla immedjata taghha waqt li suppost tkun qed tezercita d-dritt ta' access l-omm stess, bhalma gara fil-passat. Illi fil-prezent madanakollu l-omm ghadha l-boghod minn dak l-istadju stante illi lanqas biss m'hi kapaci tbiddel harqa waqt l-access taghha ma bintha meta mehtieg;*

4. *Illi dwar ir-raba' talba sabiex jigi stabbilit u regolat illum permezz ta' digriet il-perijodu ta' zmien li fih il-minuri tqatta' mal-omm rikorrenti, l-intimat jiddikjara illi huwa bikri wisq f'dawn il-proceduri u li dina l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju m'ghandhiex iddardar l-istabbilita' prezenti skond id-digriet precedenti ta' access supervizjonat, sakemm ma tkunx konvinta mod iehor wara s-smigh tal-provi, xhieda u esperti;*

5. *Illi finalment qed jigu respinti l-allegazzjonijiet inveritieri u malafamenti fil-konfront tal-intimat li huwa persuna ta' natura vjolenti u qed jigi ribadit illi ma ntlahaqx ftehim waqt il-medjazzjoni unikament tort tar-rikorrenti peress li hi stess ma kienet tattendi qatt, **dags kemm qeghdha tonqos ossija tfalli ripetutament milli tezercita d-dritt ta' access supervizjonat taghha li tara l-minuri VM qewwa l-Agenzija Appogg;***

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.*

Rat il-kontro-talba ta' PM datata 8 ta' Frar 2019, fol 16C et seqq, li taqra hekk:

*Billi l-intimat jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors mahluf ipprezentat kontra tieghu mir-rikorrenti u debitament notifikat lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba.*

*Tghid l-istess rikorrenti ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-*

1. *Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifla minuri VM tibqa fdata lill-missier b'mod esklussiv u a spejjez tieghu, salv l-acces supervizjonat lir-rikorrenti u taht dawk id-direttivi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti, filwaqt illi l-istess minuri VM ghandha tibqa' tirrisjedi esklussivament mal-esponenti missier;*

2. *Tiffissa l-access lir-rikorrenti rikonvenzjonanti taht dawk id-direttivi moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u f'kas illi r-rikorrenti tigi awtorizzata tezercita l-access barra mill-edificju tal-Agenzija, taghti dawk id-direttivi opportuni b'rigward il-postijiet li fihom tista' jew ma tistax tiehu lill-minuri VM waqt l-access, kif ukoll dwar dawk il-persuni li jistghu jkunu prezenti mal-omm waqt li tezercita d-dritt ta' access lilha moghtja;*

3. *Tordna illi l-minuri VM ghandha tirrisjedi definittivament fid-dar ta' missierha, salv ghall-hinijiet tal-access permessi lir-rikorrenti skond kif joghgobha tordna dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tawtorizza lill-missier esponenti sabiex b'mod definittiv jiehu dawk id-decizjonijiet kwotidjani indipendentement mir-rikorrenti u minghajr bzonn ta' awtorizzazzjoni da parte tal-istess rikorrenti, partikolarment izda mhux limitatament ghal dak li jirrigwarda skola, edukazzjoni u attivitajiet kurrikulari u extra-kurrikulari inkluz safar;*

*Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti illi hija ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ta' TA ghall-kontro-talba datat 24 ta' April 2019, a fol 23 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-azzjoni ossija kontro-talba mressqa mill-konvenut rikonvenzjonant hija nulla u nammissibbli billi qeghda ssir minghajr l-awtorizazzjoni mehtiega skont il-ligi peress illi z-zmien ta' xahrejn imholli skont il-Ligi sabiex din il-kawza titressaq ghadda u ghalaq.*

2. *Illi l-kontro-talba istitwita mill-konvenut rikonvenzjonant hija nulla minhabba nuqqas ta' validita' formali u dan skont kif mahsub fid-dispozizzjonijiet tal-*

*Artikoli 398(2), 156(1)(a)(b)(d) u 789(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Illi l-ewwel talba tar-rikonvenzjonant ghandha tigi michuda fl-ahjar interess tal-minuri VM, bint il-kontendenti, billi l-istess minuri ghandha titrabba fil-kura tar-rikonvenzjonata ommha, salv tal-access tar-rikonvenzjonant illi jigi ezercitat skont kif jigi ordnat mill-Qorti b' mod illi l-minuri ma tibqghax tigi strumentalizzata mir-rikonvenzjonant kif qieghed jigri llum. Meqjus daqshekk, it-talbiet kollha tar-rikonvenzjonant ghandhom jigu michuda.*

4. *Illi minnghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, l-ewwel talba tar-rikonvenzjonant ghandha tigi michuda ghaliex il-komportament tar-rikonvenzjonata ma seta bl-ebda mod iwassal ghal biex jigi ritenut illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi r-rikonvenzjonata tigi mcahhda mill-kustodja ta' bintha. Anzi propju l-kontra huwa l-kaz, billi l-imgieba tar-rikonvenzjonant minn dejjem kienet tali illi l-interazzjoni tieghu mat-tifla ghandha tkun ristretta u, jekk mehtieg, ikkontrollata;*

5. *Illi t-talba mressqa mir-rikonvenzjonant fl-ewwel talba tieghu illi l-access tar-rikonvenzjonata isir taht supervizzjoni, jikxef sa fejn lest jasal ir-rikonvenzjonant biex iweggha lir-rikonvenjonata anke jekk dan ifisser illi jweggha l-wild.*

6. *Illi t-tieni talba mressqa mir-rikonvenzjonant ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet mghotija fil-paragrafu precedent. Illi mplicitu wkoll f'dik it-talba hemm l-assunzjoni li ghandha tigi korretta mis-sentenza eventwali ta' dina l-Onorabbli Qorti illi l-komportament tar-rikonvenzjonata jimmerita li jigi strettament ezaminat u kkontrollat mill-Qorti waqt illi l-imgieba tar-rikonvenzjonant ma hi ta' interess xejn lill-hadd.*

7. *Illi t-tielet talba tar-rikonvenzjonant ghandha tigi michuda ghaliex, kif inghid, m'huwiex fl-interess tal-minuri illi tkun principlament fil-kura tar-rikonvenzjonant u mhux tar-rikonvenzjonata ommha. Inoltre, ordni ta' abitazzjoni definittiva ta' minuri ma hiex kontemplata mill-ligi billi l-ordnijiet kollha dwar minuri huma mghotija rebus sic stantibus.*

8. *Illi r-raba' talba mressqa mir-rikonvenzjonant hija in effett talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tnezza lir-rikonvenzjonata mill-awtorita' ta' genitur billi l-kompartecipazzjoni tal-genituri fid-decizjonijiet tal-minuri dwar minuri hija materja ta' awtorita' ta' genitur u mhux materja ta' kustodja. Dwar talba simili jinghad illi r-rikonvenzjonant messu ppremetta r-ragunijiet mahsuba skont il-ligi ghal biex talba ta' din ix-xorta titqies mill-Qorti.*

9. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi hija l-intransigenza u l-pika tar-rikonvenzjonant illi wasslet ghal dawn il-proceduri u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici in ezami xehdet,**[1] illi hija ghandha, u minn dejjem kellha problema rigward dati. Tikkonferma li l-minuri jisimha VM u li ser taghlaq sentejn. Tiddikjara li sa fejn taf hi il-minuri qeghda tghix ma' oht l-intimat, u zzid li taraha darbtejn fil-gimgha u cioe nhar ta' Tlieta u Hamis ghal saghtejn kull darba, l-Appogg. Isostni li t-tifla qed tigi b'wiccha migruf u tkun tidher ma tiflahx. B'referenza ghat-tfal l-ohra taghha, hija tikkonferma li ghandha sitt itfal, u l-etajiet taghhom ivarjaw minn erbatax- il sena sa kwazi sentejn, u liema minuri hemm minnhom *in care* f'*homes* u ohrajn *fostered* u dana peress li wara li hi ma baqghatx ma'missier l-ewwel tlett itfal, spiccat f'sitwazzjoni prekarja hafna finanzjarjament u kien hemm familjari ta' missier it-tfal li bdew jaghmlulha rapporti mal-Appogg. Tispjega illi qatt ma kellha wisq ghajnuna minghand ommha u li lanqas irceviet ghajnuna minghand l-Appogg. L-attrici tiddeskrivi illi hija ma kellhix trobbija felici u dana stante li l-genituri taghha kienu ssepparaw meta kienet ghadha zghira u hija kienet tispicca tiehu hsieb lil hutha, isajjar u tnaddaf flok tmur l-iskola. Eventwalment tixhed li ta' tnejn u ghoxrin sena kienet izzewget u mir-ragel taghha kellha lill-minuri S, izda r-ragel taghha, kiesah u biered, telaq mill-pajjiz meta t-tifla taghhom kienet ghadha lanqas ghalqet sena u m'ghandha l-ebda informazzjoni dwaru. Izzid illi hija kellha sittax- il sena meta kellha l-ewwel tarbija. Tikkonferma li lanqas f'din is-sitwazzjoni ma sabet

[1] Vide xhiedha datata 14 ta'Gunju 2019.

ghajnuna minghand l-Appogg tant li hadulha ukoll lil din it-tifla. Kien f'dan l-istadju li kienet qabditha *depression* u filfatt it-tabib kienu ta xi medicina.

Wara dan iz-zmien, kellha tarbija ohra, X, certu PG. Tispjega illi hija kienet tiehu prekawzzjonijiet pero' dawn ma kienux effettivi fuqha. F'dan il-perjodu tispjega illi hija kienet imcahda mit-tfal u ghalhekk xtaqet tarbija ohra ghalkemm mhux daqshekk malajr. Tixhed li hija ghandha relazzjoni tajba mat-tfal kollha u tmur tarahom regolari. Izzid li ma' missier PG, li prezentement jinsab il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ghandha proceduri l-Qorti stante li mhuwiex ihalliha tara lil X. Dan il-minuri prezentement qieghed jirrisjedi ma' bint missieru l-kbira. Fir-rigward ir-relazzjoni taghha mal-konvenut, tirrileva illi iltaqghat mieghu sentejn ilhu u li wara ftit xhur harget tqila. Isostni li t-tarbija li kellha mal-konvenut kienet tarbija pjanata u t-tnejn riduha. Tispjega li l-konvenut huwa guvni imma ghandhu tlett itfal minn mara ohra u li dak iz-zmien dawn it-tfal gieli kienu jkunu mieghu u gieli kienu jkunu ma' ommhom. Tiddeskrivi r-relazzjoni taghhom bhala wahda tajba hafna fil-bidu u li meta harget tqila l-konvenut kien ferah b'dan l-ahbar u li filfatt huma gieli tkelmu qabel fuq il-kwistjoni.Sussegwentement gara li ta' spiss kien ikollhom argumenti, u ried li hi tmur tghix ghandu pero kull darba li kien ikollhom argument kien ikecciha mid-dar tieghu. Ma' dawn l-argumenti eventwalment, l-konvenut kien beda jerfa' jdejh fuqha, u kien jaghtiha daqqa ta' ponn f'ghajnejha. Tirrileva illi ghamlet tqala shiha wahidha, ghaliex il-konvenut kien qieghed ma' mara ohra. Minn meta skopriet li harget tqila, ma baqghux flimkien u dana wara argument li kellhom id-*Drive Through tal-Mcdonalds*, fejn sahansitra tiddeskrivi li bid-daqqiet li ta', kwazi halliha mejta. Ikkonfermat illi wara saret taf minghand in-nies illi x'aktarx kien taht l-effett tad-droga ghaliex kien jabbuza mid-drogi, pero sostniet li hi qatt ma setghat tkelmu ghaliex kien ikun aggressiv. Tghid li ghalkemm qatt ma mexxiet bil-Qorti, dawn ir-rapporti ghadhom hemm.

L-attrici sostniet illi meta kienet tqila, gieli kien icempel biex jara kif kienet qed tipprogressa it-tqala pero' kien jinnega li t-tarbija kienet tieghu u kien qalilha li kif titwieled imorru jaghmlu DNA test. Filfatt dan id-DNA test sar u rrizulta li t-tarbija hi tal-konvenut. Meta waslet biex ikollha t-tarbija kien talabha biex itih cans iehor u filfatt hekk ghamlet ghaliex hasbet li bis-sahha tat-tarbija ser jirrikonciljaw u ghaliex hi kienet thobbu. Wara l-isptar baqghet sejra ghandu u wara gimgha mit-twelid hareg filghaxija u rritrona l-ghada filghodu u meta gibdtilu l-attenzjoni rega' ta daqqa ta' ponn avolja kellha t-tifla fuqha. Kien hemmhekk li telqet lura ghand ommha bit-tifla b'kollox. Xi kultant kien icempel biex jara kif inhi t-tifla u gieli gie fejn id-dar t'ommha filghaxija u kienet tohrog bit-tifla. Izzid illi kien jheddidha li ser johdilha lit-tifla u ghalhekk ma kienitx tafdah wahdu maghha. Isostni li ghamel qishu perjodu ta' xahrejn jara lit-

tarbija.

Darba minnhom, tispjega illi kienet qeghda ghand habiba taghha San Gwann u t-tifla kienet ma tiflahx. Ghalhekk haditha St James Hospital Haz-Zabbar u kien cempilha u nfurmatu. Kien dam jinsisti biex iwassalha hu u minkejja li qaltlu li ser tmur wahidha, baqa' jinsisti. Filfatt kien ghadda ghaliha San Gwann u baqghu sejrin bit-tarbija Haz-Zabbar. Tispjega illi hija kienet poggiet il-maxi cosi fuq is-seat ta' quddiem tal-karozza tal-kovenut filwaqt li hi qaghdet fuq is-seat ta' wara bit-tifla fuqha. Malli waslu, l-konvenut kien qalilha biex, minhabba l-kesha, tohrog lill-minuri fil-*maxi cosi* u filfatt hija hekk ghamlet. Kif ghamlet hekk, l-intimat qabad u saq bit-tarbija b'kollox. Dak il-hin stess, l-attrici nizlet l-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar, li pero qalulha li ma setghu jaghmlu xejn u biex tkellem avukat.

Minn dak iz-zmien l'hawn, fethet proceduri l-Qorti ta' medjazzjoni. Tirrileva wkoll illi ghamlet hames xhur jew sitt xhur ma tarax lit-tifla. Meta l-intimat hadilha l-minuri, kienet ghadha *breast feeding* u kellha biss hames xhur. Tiftakar li dan gara f'Marzu tas-sena l-ohra. Wara hames xhur, il-Qorti minghajr ma semghatha, harget digriet li l-access ghandu jsir darbtejn fil-gimgha taht supervizjoni gewwa l-Appogg. Sostniet li hafna drabi l-konvenut ma jgibx lill-minuri ghall-access u hija titlob lil tal-Appogg jiehu nota ta' dan. Tiddikjara li bhalissa hija mhux tahdem u li l-gimgha mqassma tara lit-tfal. Tirrileva illi qeghda tirrisjedi l-Gharghur mar-ragel li ghandha relazzjoni mieghu, u li issa ilha sena u xaharejn u li m'ghandu xejn x'jaqsam mal-irgiel l-ohra. Xehdet illi l-*partner* taghha huwa guvni u ghandu tifel u li fiflatt dan it-tifel ikun iktar maghhom milli m'ommu. Tikkonferma illi hija qatt ma ghamlet uzu minn droga jew alkohol imma qeda tibza' li l-konvenut qieghed jaghmel uzu mid-droga minhabba dak li semghat minghand terzi. Mistoqsija kienitx preparata tissottometti ruhha minghajr preavviz ghal test kontra s-sustanzi illeciti, iddikjarat li kienet lesta taghmel dan u li ma kienu ha jsibu xejn.

Mistoqsija mill-Qorti fuq it-tfal li kellha mill-ewwel partner taghha, tghid li t-tnejn il-kbar tarahom kull nhar ta' Hamis, pero il-minuri li qieghed *fostering* mhux tarah. Xehdet illi S li qieghda *fostering* Ghawdex mhux taraha u X qieghed jirrisjedi mal-bint il-kbira tal-missier u ghalkemm kien offriet li zzommu maghha sakemm qieghed il-habs, kien irrifjuta u filfatt ghaddejja bi proceduri ghar-rigward. Tispjega illi ghandha *social workers* ghal kull wild mill-Appogg.

**Marika Bugeja WPC 204,** [2]esebit hames rapporti li saru mill-attrici fil-konfront tal-intimat**,** u li

[2] Vide xhieda 10 ta' Lulju 2019 a fol 31 et seq tal-process.

dawn ir-rapporti jkopru l-perjodu bejn Jannar 2017 sa Lulju 2018. Mistoqsija jekk kienitx prezenti jew jekk kellix involviment dirett, twiegeb illi hija sempliciment giet tesebixxi r-rapporti u li ma tafx jekk sarux xi procedimenti fuq ir-rapporti in kwistjoni.

Mitluba in **kontro ezami** tikkonferma jekk ir-rapporti l-ohra kienux kontra l-intimat jew irgiel ohra, twiegeb illi hi pproduciet dawk fil-konfront tal-intimat u ma tafx bl-esistenza ta' xi rapporti ohra.

**In ezami Charmaine Zerafa,** haddiema socjali fi hdan l-Appogg, li nkarigata mill-kaz tal-minuri tal-partijiet ghal din l-ahhar sena, tixhed illi l-access b'supervizjoni beda fit- 2 t'Awwissu 2018 u li ilhu ghaddej kwazi sena. Tispjega illi l-access ikun darbtejn f'gimgha ghal saghtejn kull darba. Mistoqsija jekk hi tafx ir-raguni ghalfejn l-access huwa wiehed taht supervizjoni, twiegeb illi huma jkollhom id-Digriet tal-Qorti u jibdew mid-digriet. Izzid illi hija ma tkunx prezenti ghall-access, ghaliex ghalkemm hi s-*social worker* tal-kaz, waqt l-access ikun *hemm social support workers* li jghaddu l-f*eedback* lilha.

Mistoqsija dwar dak li gie rapportat lilha, tirrileva illi l-access huwa wiehed pozittiv, u qatt ma kien hemm problemi waqt l-access bejn il-minuri u ommha. Xehdet illi jkun hemm interazzjoni tajba, illi pero dan l-ahhar peress li l-access qed isir fil-bini tal-Agenzija, il-minuri qisu qieghda tibda tiddejjaq xi ftit fil-kamra u gieli jkollhom johorgu sal-kurritur u l-omm izzommha aljenata permezz tal-*mobile* u b'xi diski biex jghaddi l-hin. Tispjega illi l-minuri li ghalqet sena fi Frar, tidher komda m'ommha u li gieli tibki xi ftit fil-bidu. Dwar rakkomandazzjonijiet lill-Qorti, ix-xhud tesprimi li l-hsieb taghha huwa li wasal iz-zmien biex jippruvaw illi l-access isir barra l-binja tal-Appogg u jekk ikun hemm il-bzonn, issir anke *home assessment* sabiex anke eventwalment, jaslu biex l-access isir mid-dar tal-attrici.

Tixhed illi l-minuri tigi akkumpanjata mill-missier jew miz-zija paterna ghall-access u li qatt ma kien hemm problemi hlief li l-minuri gieli tibki ftit specjalment meta tigi ma' missierha imma mbaghad tidher komda ma' ommha.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri bint tal-partijiet u min mill-partijiet ghandu jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-istess. Filwaqt li l-attrici jidhrilha li hija ghandha tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri, l-intimat joggezzjona bil-qawwa ghal dawn it-talbiet u intavola kontro-talba fejn *inter alia* talab lil jigi fdat eskluzivament bil-kura u l-kustodja tal-minuri u li l-minuri ghandha tibqa tirrisjedi esklussivament mal-intimat.

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...***

Skont is-sentenza fl-ismijiet ***AB vs CD*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:

> ***Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha lokkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu f'relazzjoni intima u mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri, X u li llum il-gurnata ghandha circa tlett snin. Din ir-relazzjoni sfaxxat qabel it-twelid tal-minuri, b'dana illi kien hemm riavvicinament qasir ferm mat-twelid tal-minuri. Mill-atti jirrizulta illi l-attrici kienet istitwit proceduri ta' medjazzjoni permezz ta' ittra prezentata fl- 20 t'Awwissu 2018, bl-ghan li jilhqu ftehim ghar-rigward il-kura, kustodja, access u manteniment, izda l-partijiet ma kienux lahqu ftehim f'dak l-istadju tal-proceduri. Illi permezz tad-digriet datat 6 ta' Novembru 2018, din il-Qorti diversament preseduta, awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu b'kawza. Illi sussegwentement l-attrici fethet dawna l-proceduri fl- 4 ta' Jannar 2019.

Irrizulta wkoll mill-atti li l-minuri mit-twelid sakemm kellha hames xhur, ghexet mal-attrici, u wara dan dejjem ghexet ma' missierha l-intimat, b'dana illi l-omm kellha access supervizjonat ai termini tad-digriet datat 16 t'Awwissu 2018 ta' din il-Qorti diversament preseduta, darbtejn fil-gimgha; u cioe nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn is-6pm u 8pm l-Agenzija Appogg. Mir-rapporti esebiti, jidher li l-minuri u l-omm dejjem kellhom interazzjoni tajba anke tenut kont tal-eta tenera tal-minuri, u dana minkejja l-kuntatt limitat.

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mittrobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina, jekk fic-cirkostanzi, huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti tosserva illi fis-seduta tas-16 t'Ottubru 2019, il-Qorti giet infurmata mill-avukati difensuri rispettivi illi hemm il-possibbilita' ta' transazzjoni u cioe li kellu jigi ffirmat abbozz ta' ftehim bejn il-partijiet u filfatt l-kawza kienet giet differita ghall-probbabli cessjoni. Fis-seduta tas-17 ta' Frar 2020 din il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet ipprezentaw abbozz li jirregola d-drittijiet kollha tal-partijiet ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti, liema abbozz effettivament gie awtorizzat fil-25 ta' Frar 2020. Sussegwentement, l-abbozz awtorizzat gie konsenjat lill-avukati difensuri *seduta stante* fl-4 ta' Marzu 2020 b'dana illi l-avukati difensuri kellhom jattendu s-seduta li jmiss biex icedu l-kawza. Illi a kawza tal-pandemija, il-kawza giet differita diversi drabi. Fuq talba tal-attrici, kienet giet rikjamata ghas-6 t'Ottubru 2020 izda l-intimat ma kienx ghadu notifikat bir-riappuntament.

Jirrizulta li fil-mori tal-kawza, u cioe mill-25 ta' Frar 2020 sal-lum, jidher li l-ftehim ma giex

ppubblikat. Filfatt fid-9 ta' Novembru 2020 dehret biss l-attrici flimkien mal-avukat difensur taghha, u l-intimat u l-avukat difensur tieghu ma dehrux. Il-Qorti akkordat tlett gimghat zmien lill-intimat sabiex, permezz ta' nota, jindika lill-Qorti l-pozizzjoni tieghu ghar-rigward l-abbozz pprezentat. L-intimat baqa' inadempjenti. Il-Qorti filwaqt li hadet konjizzjoni tal-abbozz ppresentat permezz ta' nota kongunta mill-avukati difensuri taz-zewg partijiet u liema abbozz kien gie awtorizzat minn din il-Qorti kif preseduta, tosserva illi fil-mori tad-differiment la l-intimat u wisq anqas l-avukati difensuri tieghu ma dehru fl-ahhar zewg seduti. Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 regghet dehret biss l-attrici u l-avukat difensur taghha, u fid-dawl tan-nuqqas ta' informazzjoni assoluta da parti tal-intimat u/jew l-avukat difensur tieghu, il-Qorti ghalqet l-istadju tal-provi tal-intimat u halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Kura u Kustodja u Access:**

Il-Qorti rat illi fl-abbozz pprezentat, il-partijiet qablu li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tigi vestita esklussivament f'idejn il-missier u li r-residenza tal-minuri ghandha tkun primarjament mal-missier, waqt li l-omm ghandu ikollha access favur il-minuri fil-modalita' indikata aktar l'quddiem. Il-passaport tal-minuri ghandu jinzamm mill-missier b'dana illi iz-zewg partijiet ghandhom id-dritt li jsiefru wahidhom mal-minuri fuq btala. Ghar-rigward decisjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri, inkluz l-ghazla tal-iskola u l-attivtajiet extra-kurrikolari, hemm qbil li dawn ghandhom jittiehdu mill-missier, b'dana illi l-missier ghandu javza lill omm minnufih bil-kitba, b'dawk id-decisjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni tal-istess minuri illi huwa jkun sejjer jiehu. Ulterjorment, il-partijiet ftehmu illi z-zewg partijiet ghandhom id-dritt li jircievu kull avviz marbut mal-iskola tal-minuri inkluz attivitajiet, *outings*, u *parents day*.

Rigward access tal-omm versu l-minuri, il-partijiet qablu u l-Qorti hekk tordna illi l-access jigi ezercitat kif ser jinghad: kull gimgha bejn it-Tlieta mis-13:00pm sad-9:00am ta' filghodu ta' l-ghada u cioe l-Erbgha b'dana illi l-omm ghandha twassal lill-minuri ic-*childcare centre* li qed tattendi u bejn il-Hamis mis-13:00pm sal-ghada filghodu fid-9.00am tal-Gimgha, fejn l-attrici ghandha twassal lill minuri ic-c*hildcare.* Fil-weekends, l-access ghandu jkun alternat b'dana illi l-minuri ghandha tqatta' *weekend* m'ommha u l-*weekend* ta' wara mal-missier. L-access ghandu jibda il-Gimgha fl-16:00pm sal-17:00pm tal-Hadd. Il-Qorti qieset bir-reqqa r-rapporti u n-noti esebiti mill-haddiema socjali inkarigati mill-kaz, u jirrizulta li filfatt din il-modalita' ta' access kienet diga qeghda tigi implimentata mill-partijiet u l-haddiema socjali rrakomandaw li l-access

b'supervizjoni jigi sospiz.

Di piu', l-access fil-Festi tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, Karnival u Ghid il- Kbir, l-access tal-omm ghall-minuri ghandu jkun b'mod alternat, filwaqt li f'Jum l-Omm u f'gheluq snin l-omm, il-minuri ghandha tkun mal-omm u f' Jum il-Missier u f'gheluq snin il-missier, il-minuri ghandha tkun mal-missier, il gurnata kollha. F'gheluq snin il-minuri, ghandu jkun hemm access alternat, b'dana li l-ewwel sena, l-access tal-omm ghandu jkun mill-11:00am ta' filghodu u l-17:00pm u fis-sena sussegwenti, l-access tal-omm ghall-minuri ghandu jkun mill-17:00pm u 20:00pm, u dan l-access jibqa' jsehh b'mod alternat, kif indikat.

**Manteniment:**

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghalledukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom***.

Ai fini ta'manteniment, mill-abbozz jirrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-intimat obbliga ruhu li jmatni u jzomm u jipprovdi ghall-minuri minghajr kontribut da parti tal-omm, u dana stante li l-omm ma ghandhiex impieg stabbli, b'dana illi l-attrici m'ghandhiex dritt tigi rimborsata ghall-ispejjes li hija tirrikorri ghall-htigijiet immedjati tal-minuri matul dawk il-hinijiet illi l-minuri tkun maghha.

Illi di piu', il-missier ser ikun il-genitur unikament responsabbli li jiehu hsieb l-ispejjes kollha relatati mal-edukazzjoni tal-minuri u liema spejjes jinkludi dawk edukattivi, u cioe mizati tal-iskola, uniformi u zraben tal-iskola kotba u *stationary*, u privatijiet li t-tifla tista' tigi bzonn aktar l'quddiem. Illi l-intimat ser jiehu wkoll r-responsabbilta' ghall-hlas tal-ispejjes extra-kurrikulari li l-minuri jista' jkollha l'quddiem, inkluz spejjes relatati ma' *summer school.* Illi ukoll hemm qbil li kwalunkwe beneficcju socjali in konessjoni mal-minuri, bhall- *children's allowance* ghandu jigi percepit esklussivament mill-missier.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa il-ftehim pprezentat mill-kontendenti, esebit fol 79 se 84, minnha awtorizzat, u taghmlu taghha u ghaldaqstant:**

1. **Tordna l-kura u kustodja tal-minuri VM tkun fdata esklussivament f'idejn l-intimat li mieghu t-tifla ghandu jkollha r-residenza primarja taghha. L-intimat huwa unikament responsabbli ghall-manteniment tal-minuri, inklus kwalunkwe spejjes relatati ma' sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari;**

2. **Takkorda lill-attrici dritt t'access versu l-minuri li ghandu jigu ezercitat kif ser jinghad:**
   i. **kull gimgha bejn it-Tlieta mis-siegha (13:00pm) sad-disgha (9:00am) ta' filghodu ta' l-ghada u cioe l-Erbgha b'dana illi l-omm ghandha twassal lill-minuri ic-*childcare centre* li qed tattendi;**
   ii. **kull gimgha bejn il-Hamis mis-siegha (13:00pm) sad-disgha (9:00am) ta' filghodu ta' l-ghada u cioe' l-Gimgha u ghandha twassal lill minuri ic-c*hildcare;***
   iii. **Fil-weekends, l-access ghandu jkun alternat, b'dana illi l-minuri ghandha tqatta' *weekend* m'ommha u l-*weekend* sussegwenti mal-missier. L-access ghandu jibda il-Gimgha fl-erbgha (16:00pm) sal-hamsa (17:00pm) tal-Hadd;**
   iv. **Fil-Milied, l-Ewwel tas-Sena, Karnival u Ghid il-Kbir, dawn jalternaw wahda wara l-ohra, filwaqt li f'Jum l-Omm u f'gheluq snin l-omm, il-minuri ghandha tkun mal-omm il-gurnata kollha u f' Jum il-Missier u f'gheluq snin il-missier, il-minuri ghandha tkun mal-missier, il-gurnata kollha. F'gheluq snin il-minuri, ghandu jkun hemm access bejn il-hdax (11:00am) ta' filghodu u l-hamsa (17:00pm) ta' wara nofsinhar li jalterna ma' access bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (17:00pm) u t-tmienja ta' flghaxija (20:00pm), sena wara sena ghal kull parti.**

3. **Ghar-rigward decisjonijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri, inkluz l-ghazla tal-iskola u l-attivtajiet extra-kurrikulari, hemm qbil li dawn ghandhom jittiehdu mill-missier, b'dana illi l-missier ghandu javza lill omm minnufih bil-kitba b'dawk id-decisjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni tal-istess minuri illi huwa jkun sejjer jiehu. Ulterjorment, il-partijiet ftehmu illi z-zewg partijiet ghandhom id-**

**dirtt li jircievu kull avviz marbut mal-iskola tal-minuri inkluz attivitajiet, *outings*, u *parents day*.**

4. **Tordna illi kwalunwke beneficcju socjali jew ghajnuna socjali relattivi ghall-minuri imsemmija ghandha tigi ppercepita unikament mill-intimat;**

**Ghaldaqstant, it-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-kontendenti qed jigu akkolti u respinti kif fuq spjegat.**

**Spejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**